

# Il-fratellanzi f'Malta

Bertie Buhagiar

F'Malta għandna bosta fratellanzi, uħud marbuta ma' xi knisja partikolari u oħrajn ma' xi parroċċa. Dawn il-fratellanzi huma għaqdiet, ġeneralment ta' lajċi sekulari, li jitwaqqfu bl-approvazzjoni tal-Knisja. Dawn jissejħu fratellanzi, konfraternitajiet kif ukoll kongregazzjonijiet. Dawn ikunu mmexxija minn xi tip ta' statut jew regolamenti. Kull fratellanza jkollha l-lstatut tagħha li jkun approvat mill-lsqof tad-Djoċesi. Il-fratellanza l-ewwel tagħti l-istatut tagħha lill-Kappillan u dan, wara li jkun eżaminah, iressqu l-Kurja għall-iskrutinju u fl-aħħar jitressaq għall-approvazzjoni tal-lsqof.



Kull fratellanza hija għaqda ta' lajċi li jissieħbu fil-ħidma tal-Knisja bl-ubbidjenza. Kienu l-Kappillani li jressqu t-talbiet biex jiġi approvat is-servizz tagħhom fil-parroċċi. L-lsqof japprova b'digriet, u wara isir statut li fuqu titmexxa l-fratellanza bħala organizzazzjoni. Naturalment jintgħażlu persuni għat-tmexxija, li jkunu jridu jiġu approvati. Fratellanza tkun immexxija minn superjur tagħha u dan ikun imsejjaħ ir-Rettur. Fit-tmexxija jistgħu jinħatru ukoll konsulturi, kif ukoll prokuraturi għal ċerti taqsimiet. Prokuratur Ġenerali jkun ngħidu aħna dak li aħna nafuh bħala l-kaxxier, u l-prokuraturi l-oħra jkollhom il-kura ta' funzjonijiet oħra relatati, fosthom tal-artali, tal-oqbra, jew tal-menswalità li hi l-ħlas li l-fratelli jħallsu kull sena, jew insibu każijiet li jkunu ta' darba biss li tkun tgħodd għal għomorhom. Id-dħul kien iservi biex jitħallsu spejjeż ta' talb, funerali, fjuri u ta' ċerti obbligi.



Il-mewt ta' kull fratell imsieħeb kien jitħabbar b'qanpiena fit-toroq biex il-fratelli jinġabru, jitolbu



għalih u jieħdu sehem fil-vjatku u fil-funeral tiegħu. Kienu jindifnu fl-oqbra tal-fratellanza, li fl-imgħoddi kienu fil-knejjes stess. Illum dan id-dfin inqata' u l-fratellanzi għandhom l-oqbra tagħhom fiċ-ċimiterji. Kull fratellanza kienet tingħata l-kura ta' xi artal, li xi wħud minnhom ġew imkabbra u mżejna bħala kappella sħiħa, u mhux hekk biss - il-fratellanza kienet tieħu ħsieb ċerti ċelebrazzjonijiet.

L-ilbies li jilbsu l-fratelli jikkonsistu minn konfratija bajda, biċ-ċinglu, bil-kuruna tar-Rużarju mdendla, b'muzzetta, u bil-barnuża fuq rashom. Il-fratellanzi kienu jingħataw permess għal dan l-ilbies mill-Kurja, u ġeneralment ikollhom kuluri distinti fil-muzzetta. Kienu jġibu midalja fuq is-sider, u dik tar-Rettur tkun differenti minn tal-fratelli l-oħrajn. Jeżistu bosta fratellanzi li nħolqu tul is-snin. Uħud minnhom huma:



- Fratellanza tas-Sagrament;
- Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu;
- Fratellanza ta' San Ġużepp;
- Fratellanza ta' San Mikiel;
- Fratellanza tar-Rużarju;
- Fratellanza tad-Duluri;
- Fratellanza tal-Madonna tal-Karità;
- Fratellanza tal-Erwieħ;
- Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni;
- Fratellanza ta' Sant'Agata;
- Fratellanza ta' Sant'Anna.



Fir-raħal tagħna jidher li xi tip ta' fratellanza kien hawn iżda maż-żmien din intilfet u llum nistgħu ngħidu li dawn sfaxxaw fix-xejn. Sfortunatament, la neqsin mill-fratelli, neqsin ukoll mill-ġmiel u l-armar li jġibu magħhom u li jkun jista' jitgawda mir-residenti tal-lokal waqt il-funzjonijiet ta' żmien il-festa kif ukoll fil-purċissjonijiet. Min jaf forsi bil-mod il-mod il-purċissjoni tal-festa tagħna tikber u tisbieħ b'aktar standardi, bandalori u armar reliġjuż.